# REĠJUN ĊENTRU

---

## MINUTI

### Laqgħa tar-Reġjun Numru 22

## IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 22

It-Tlieta 7 ta' Mejju, 2019

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 33, Triq il-Qasab, San Ġwann, fl-4 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku ta' Birkirkara
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Anthony Chircop – Sindku tas-Sliema
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Andre Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Magraret Baldacchino Cefai – Sindku ta' l-Imsida
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku ta' Ta' Xbiex

ASSENTI

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Iklin
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pieta'
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku ta' Santa Venera
Is-Sur Conrad Borg Manché – Sindku Gżira

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

22.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tas-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai u tas-Sur Maximillian Zammit u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 21 li saret nhar it-Tlieta 23 ta' April 2019 kienu meħuda bħala moqrija.

22.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, u sekondati mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

## 22.3 Komunikazzjoni mill-President

22.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, fakkar lill-membri preżenti dwar il-laqgħa annwali ġenerali tar-Reġjun li ser tinżamm nhar is-Sibt 18 ta' Mejju 2019. Hu nforma lill-membri kif għal din il-laqgħa ser ikun hemm preżenti l-On. Silvio Parnis kif ukoll l-On. Robert Cutajar flimkien mal-President ta' l-AKL, is-Sur Mario Fava, id-Direttur tal-Monitoraġġ u Sapport, is-Sur Christopher Galea flimkien mad-Direttur għall-istrateġiji w Implimentazzjoni, is-Sinjura Marisa Pisani.

## 22.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

22.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet imressqa mill-membri.

## 22.5 Rapporti

22.5.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informal ill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi mressaq f'din il-laqgħa.

## 22.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***Kunsill Lokali Iklin***

22.6.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda t-talba ta' dan il-Kunsill Lokali sabiex is-somma ta' €45,611.94 biex saru xogħlijiet ta' asfaltar fi Triq Ċensu Busuttil kif ukoll l-ispiża ta' €5,881.32 għall-iskavar u *reinstatement* tat-trinek jittieħdu mill-fondi ta' l-*LES Surplus*.

22.6.2 Il-membri preżenti unanimament approvaw din it-talba.

- ***Performance Audit tar-Reġjun***

22.6.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, aġġorna lill-membri rigward dan is-suġġet fejn spjega kif l-awditur mill-kumpanija Reanda Ltd. kien preżenti fl-uffiċċju amministrattiv nhar it-Tlieta 30 t'April 2019 fejn ġew evalwati is-sejħiet ta' offerti, kwotazzjonijiet kif ukoll *direct orders* maħruġa mir-Reġjun matul dawn l-aħħar sentejn.

- ***Komunikat Numru POC23/19***

22.6.4 Il-President ressaq fuq il-mejda din iċ-Ċirkulari mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ġie deċiż li dan il-komunikat qed jiġi rtirat u li l-Kunsilli Reġjonali jistgħu jippublikaw sejħiet għall-offerti u/jew jiġu

ffirmati kuntratti skond il-proċeduri eżistenti. Il-kuntratti ġodda għandhom ikunu validi sa mhux aktar mit-30 ta' Settembru 2022.

22.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li permezz ta' din il-komunikazzjoni, dan ir-Reġjun jista' jipproċedi bis-sejħa tas-servizz ta' Accountant.

- *Kuntratt tal-Mowbajl*

22.6.6 Il-President informa lill-membri kif il-kuntratt ta' sentejn fuq il-mowbajl tas-Segretarju Eżekuttiv ser jiskadi nhar is-Sibt 26 ta' Mejju 2019 u għal din ir-raġuni qed jitressqu tliet kwotazzjonijiet sabiex isir kuntratt ġdid għal perjodu ta' sentejn.

22.6.7 Il-membri preżenti unanimament qablu li l-kuntratt għandu jibqa' mal-Melita peress li kienet l-irħas u l-aħjar offerta.

22.6.8 Il-President irrimarka dwar jekk il-President tar-Reġjun għandux ikun provdut b'kuntratt ta' mowbajl minn Lulju 2019 peress li ser ikun hemm ammont ta' xogħol mistenni minnu.

22.6.9 Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jivverifika dwar dan mad-Dipartiment.

- *Kuntratt tas-Servizz ta' Mechanical Engineer*

22.6.10 Il-President spjega kif għalkemm dan il-kuntratt huwa validu għal erba' snin, skont is-sejħa dan il-kuntratt irid ikun imġedded kull sena. Għal din ir-raġuni, peress li s-sena tagħlaq fl-1 ta' Ġunju 2019 dan il-kuntratt reġa ġie ppreżentat għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

22.6.11 Il-membri preżenti unanimament approvaw dan it-tiġdid.

- *Pagament pendenti*

22.6.12 Il-President għamel referenza għall-laqgħa preċedenti fejn kienu ġie preżentat talba għal ħlas lill-prosekutur, Dott. Richard Sladden. Hu spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, reġgħet ivverifikat l-kuntratt ta' żmien il-Kumitat Konġunt ta' Lvant fis-sejħa ta' prosekutur u fih kien hemm miktub li il-prosekutur għandhu jitla l-qorti jekk ikun hemm każ ta' appell u li dan għandu jsir mingħajr ħlas addizzjonali.

22.6.13 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, staqsa jekk Dott. Sladden kienx bagħat *invoices* u qal li aktarx wieħed jista´ jitħallas b'pagamenti sa massimu ta' ħames snin b'lura.

22.6.14 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, ikkonfermat li mill-2011 sa 2018, dan ir-Reġjun qatt ma kien iħallas għal dan is-servizz u dan huwa l-unika kont fejn fih hemm miġbura l-appelli li kienu saru matul dawn is-seba' snin. Hi żiedet tgħid kif fl-aħħar tas-sena, għal fini ta' *accounts*, Dott. Sladden qatt ma kien jinkludi dan il-ħlas bħala wieħed pendenti fl-*istatement*.

22.6.15 Il-President spjega li qabel ma jkun hemm direzzjoni mingħand id-Dipartiment, ir-Reġjun mhu ser joħroġ l-ebda pagament dwar dan.

22.6.16 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *Sejħa ta' Offerti għal Ġbir ta' Skart*

22.6.17 Il-President ressaq fuq il-mejda e-mejl mibgħuta mill-AKL u spjega kif dan ir-Reġjun għandu bżonn l-informazzjoni dwar il-kuntratti li kull Kunsill Lokali għandu fil-preżent ħalli l-informazzjoni kollha tgħaddi għand l-AKL u jkun jista' jsir *template* għal din is-sejħa.

22.6.18 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid li għalkemm is-sejħa ser tinħareġ bħala Reġjun, il-Kunsill ser ikollu kuntatt dirett mal-kuntrattur.

22.6.19 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-aġġudikazzjoni ser issir minn avukat, accountant u espert fil-qasam. Is-Sur Stefan Cordina spjega li ma jaqbilx ma' din id-deċiżjoni għax hemm ħafna problemi li jistgħu jinqalu. Hu xtaq ikun jaf xi jsir jekk Kunsill Lokali jkollu problema ma kuntrattur pero l-kumplament tal-Kunsilli ma sabu l-ebda problem.

22.6.20 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi spjegat li din l-informazzjoni mitluba kienet diġa miġbura mill-AKL peress li kienet saret laqgħa ma' kull Kunsill Lokali b'mod individwali.

22.6.21 Is-Sindku ta' tas Sliea spjega kif huma diga jsibu problema b'kuntrattur wieħed u xorta wahda jsibu naha li jinqdew tajjeb u naha ohra li ghadhom mhumiex kuntenti bis-servizz li qiegħed jiġi provdut.

- ***Servizz ta' PC Technician***

22.6.22 Il-President informa lill-membri preżenti li l-kuntratt li dan ir-Reġjun għandu fil-preżent ma' Keyin jasal fi tmiemu fit-8 ta' Ġunju 2019. Għal din ir-raġuni, is-Sur Fenech Adami ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet għal dan is-servizz.

22.6.23 Il-membri qablu li għandha tingħata lill-irħas offerta li kienet provduta mingħand Keyin u għal din ir-raġuni għandu jerġa jsir kuntratt għal perjodu ta' sena oħra.

- ***Cigarette Bins***

22.6.24 Il-President informa lill-membri preżenti kif aktar kmieni dakinhar is-Segretarju Eżekuttiv kienet ġiet infurmata mill-kuntrattur li l-*bins* tas-sigaretti waslu Malta u dawn ser ikunu jistgħu jinġabru mill-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun.

22.6.25 Il-President spjega li dawk il-Kunsilli Lokali li ordnaw aktar *bins* minn dawk mgħotija mir-Reġjun ser jkollhom *invoice* diretta.

## 22.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

22.7.1 Is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 20A u 20B.

## 22.8 Mozzjonijiet

22.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 22.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

22.9.1 Il-laqgħa intemmet fil-5 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju, 2019 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 11 ta' Ġunju, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |